# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

DIĊEMBRU 2019 – Ħarġa Nru: 176




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## FRAĠILITÀ U QAWWA

Irridu nammettu li jekk inħarsu lejn il-festa tal-Milied minn barra, m'hemm xejn reliġjuż fiha. Hija festa sekulari fejn jiġu organizzati ikliet, staff parties, infiq ta' rigali, safar, ħwienet u toroq armati u, tant attivitajiet oħra li jagħtu sodisfazzjoni lill-bniedem! Irridu ngħidu li dan kollu hu sewwa imma, dan m'għandux ikun l-atteġġjament tal-Kattoliku f'din il-festa hekk importanti fil-Kalendarju Liturġiku!



**Immorru fil-qalba**

Minkejja l-ambjent li aħna se nkunu mdawrin bih fil-jiem li ġejjin, irridu nifhmu ftit aktar mis-sena l-oħra, is-sinifikat tal-Inkarnazzjoni – li Alla sar bniedem bħalna! U biex nagħmlu dan għandna diversi opportunitajiet: in-novena tal-Milied, kunċerti ta' mużika sagra, pageants, il-quddiesa ta' nofs il-lejl, maratoni ta' karità ... Anke dan hu kollu tajjeb. Imma aħna l-insara għandna mmorru fil-qalba ta' din il-festa:

* *Alla sar bniedem ifisser* li twaħħad magħna, sar wieħed minna. Minn bnedmin mitluqa għal riħna għandna lilu **jakkumpanjana** permezz tal-Kelma tiegħu u tal-Ewkaristija. Kemm għandna bżonn għalhekk li fil-Jum tal-Qawmien tal-Mulej mill-Mewt – il-jum tal-Ħadd, neħduh b'aktar serjetà:
* *Alla sar bniedem ifisser* li neża' l-majestà biex libes **il-fraġilità**. Dan ifisser li aħna m'għandna qatt inħallu s-suppervja tirbaħna anke jekk qed nagħmlu s-suċċessi fil-ħajja. Infittxu li nkunu umli billi nħossu l-bżonn tiegħu u tal-oħrajn f'ħajjitna;
* *Alla sar bniedem ifisser* li l-imħabba tiegħu ma żammhiex għalih imma **qasamha magħna** fil-persuna ta' Ibnu Ġesù. Kemm għandna bżonn insaffu l-imħabba tagħna minn kull egoiżmu; li ħajjitna tkun tassew għotja lill-oħrajn fit-talenti u l-ħin tagħna. Kemm għandna bżonn nibnu relazzjonijiet awtentiċi, personali, u umani ma' dawk li ngħixu, naħdmu jew nagħmluha magħhom;
* *Alla sar bniedem ifisser* li ried jibqa' preżenti fid-dinja **b'mod permanenti**. Avolja rritorna għand il-Missier xorta baqa' magħna fil-Knisja tiegħu. Kemm għandna bżonn aħna s-saċerdoti, reliġjużi u lajċi inxammru l-kmiem u nifhmu l-missjoni

li għandna li naħdmu, ħalli l-komunità nisranija tissaħħah u ngħadduha sħiħa lil ta' warajna!

Il-Milied, mela, altru li mhuwiex festa tat-tbaħrid jew fejn noqgħodu biss niggustaw it-tfal jirrakkuntaw l-istorja tal-Milied bil-plays u pageants fl-iskejjel u ċ-ċentri tad-duttrina! Nevitaw li aħna l-kbar, niċċelebrawh b'mod materjali u ġieli anke edonista!

**Jisfidana**

**Il-Milied huwa festa serja li tisfidana fil-mod kif qed ngħixu;** li tinkuraġġina f'dak li qed nagħmlu tajjeb imma wkoll, twiddibna biex dak li qed itellifna l-paċi tal-qalb għax huwa mibni fuq l-artifiċjalità jew l-egoiżmu, nibdew il-proċess biex neliminawh!

Ejjew dan il-Milied, meta narmaw il-presepju jew ix-xbieha ta' Ġesù Bambin, filwaqt li nosservaw il-fraġilità tat-Tarbija ta' Betlem, naghrfu l-kobor tad-divinità fiha. Aħna l-istess bħalha. Filwaqt li aħna bnedmin fraġli, għandna fina l-qawwa Divina li rċevejniha bl-għoti tal-Ispirtu s-Santu fil-magħmudija. Dan isaħħaħna biex ngħixu ta' wlied Alla f'dinja li, kull ma tmur qed issir dejjem aktar ateja u materjalista.

Ejjew bħala Kattoliċi, immorru kontra dan il-kurrent! Il-Milied it-Tajjeb lilkom ilkoll!

***Dun Evan***

# IL-PAPA FIT-TIELET JUM MONDJALI TAL-FOQRA:

* "Insaqsi lili nnifsi: Naf ngħin lil xi ħadd li m'għandu xejn xi jroddli lura. Jien li jien nisrani, għandi allanqas persuna waħda fqira bħala ħabiba tiegħi?"
* Il-fqar ifakkruna kif għandna ngħixu l-Evanġelju: bħala tallaba li nersqu lejn Alla.



* Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku l-fqar għandhom post f'qalbna bħall-post li huma għandhom fil-qalb t'Alla.
* Li nkunu solidali mal-fqar u li naqduhom, jirnexxilna nħarsu bil-mod kif iħares Ġesù: naraw dak li jibqa' fil-ħajja u dak li jgħaddi.
* Il-fqir li jitkarrab għall-imħabba tiegħi, jeħodni dritt għand Alla għax il-fqar iħaffulna t-triq għal għand il-Missier.
* Il-fqar huma t-teżori tal-Knisja, għax il-fqar juruna dawk r-rikkezzi li ma jiqdiemu qatt; ir-rikezzi li għalihom, il-ħajja hi ta' min jgħixha: ir-rikkezzi tal-imħabba".

*Mill-omelija tal-Papa Franġisku fit-tielet Jum Mondjali tal-Fqar, 17 ta' Novembru 2019.*

## Iħallina P. Alfred Baldacchino, OFM Cap



P. Alfred, minn Ħaz-Żabbar, miet fis-16 ta'Ottubru 2019 fl-età ta' 79 sena. Huwa twieled fi Triq is-Santwarju fil-5 ta' Awwissu 1940. Bħala Kappuċċin, għal snin twal, għex fil-kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara. Hemmhekk, huwa ħabrek biex ixerred id-devozzjoni lejn San Ġuda Taddew li tant kien iħobb. Huwa kien jgħallem id-duttrina lit-tfal li jkunu se jersqu għas-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, kif ukoll diversi ħidmiet oħra.

# NGĦIXU L-AVVENT BLA SINJALI ESTERNI ...

Il-fatt li minn kmieni qabel jidħol Diċembru it-tiżjin tal-Milied fit-toroq, fil-ħwienet u fid-djar iżjed jintensifika ruħu, qed isir dejjem aktar diffiċli biex ngħixu l-Avvent f'ambjent bħal dan.

Minkejja dan, in-nisrani jeħtieġlu jgħix żmien l-Avvent bħala tħejjija għal 3 miġjiet: dik ta' Ġesù bħala tarbija; dik ta' meta Ġesù jiġi bil-glorja kollha tiegħu fit-tieni miġja u, il-miġjiet tal-Mulej fil-ħajja tagħna ta' kuljum taħt diversi forom u suriet!

***Il-kelma "adventus" għall-pagani kienet tfisser "id-dehra" ta xi alla fit-tempju tiegħu nhar il-festa tiegħu. It-tempji tal-allat pagani kienu jinfetħu darba f'sena, f'jum il-festa tagħhom u ġieli anke titqiegħed fihom xi statwa ta' dak alla li jkunu qed jiffesteġġjaw. Meta mbagħad fil-imperu Ruman lill-imperatur bdew iqisuh xi alla, l-anniversarju tal-bidu tal-ħakma tiegħu jew l-ewwel viżta uffiċċjali tiegħu f'xi belt kbira bdiet tissejjah "adventus".***

Il-Knisja, mbagħad bdiet tuża din il-kelma biex tfisser id-dħul tal-Feddej fid-dinja bħala bniedem. Billi iżda, fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-insara kellhom l-ideja li Ġesù kien se jerġa jirritorna fil-lejl qaddis tal-Għid, il-kelma "adventus" bdiet tfisser ukoll l-istennija tal-Poplu t'Alla għat-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja.

Il-kulur vjola f'dan iż-żmien jindika t-tama tal-Knisja li tmur tiltaqa' mal-Mulej li ġej fostna. Il-liturġija tal-Kelma magħżula b'reqqa għal dan iż-żmien, turihielna bi kliem kollu ħeġġa tal-profeta Isaija. Dan narawh ukoll bil-kliem li bih San Ġwann Battista kien jistieden in-nies biex iħejju t-triq lill-Mulej u jwittulu l-mogħdijiet tiegħu.



Dan jinħass l-aktar fl-aħħar ġimgħa qabel il-Milied, mis-17 sal-24 ta' Diċembru, fejn nisimgħu dwar dak li jirrakkuntawlna l-Evanġelisti li seħħ qabel it-twelid ta' Ġesù fosthom: it-tħabbira tal-anġlu lil Żakkarija li twassal għat-twelid ta' Ġwanni l-Battista u t-tħabbira tal-Anġlu lil Marija li jwassal għat-twelid tal-Messija.

Il-Knisja, permezz tal-quddiesa, kif ukoll permezz tal-Liturġija tas-Siegħat, issejjaħ lill-Feddej biex ma "jiddawwarx" imma "jħaffef" jiġi ħa jsalvana. Il-Knisja turina kif f'Ġesù, seħħew il-wegħdiet magħmulin lill-patrijarki u fit-tħabbir tal-profeti. Fl-istess waqt, hija ssellem lill-Mulej Ġesù bl-isbaħ titli li nsibuhom fil-kotba kollha tal-Patt il-Qadim fosthom: Għerf tal-Għoli; Għerq ta' Ġesse; Muftieħ ta' David, Xemx tiegħla, Għimmanu-el...

Għalhekk, l-aqwa tħejjija għat-twelid tal-Feddej f'dan iż-żmien privileġġjat tal-Avvent, huwa permezz tas-smigħ u r-riflessjoni fuq il-Kelma t'Alla. F'kelma waħda, trid tkun **tħejjija interjuri**. Permezz ukoll tas-sagrifiċċji, naslu biex insaffu lilna nfusna minn dak kollu li qed ifixkel lil Ġesù milli jitwieled fina ħa nwassluh lil oħrajn.

Min iħalli lil Ġesù jitwieled fih, jasal biex iwelldu fil-ħajja tal-oħrajn, bix-xhieda u l-ħidma tiegħu ħalli s-Saltna ta' Ġesù tkompli tikber fuq din l-art.

# NILTAQGĦU NHAR … DIĊEMBRU 2019

**Ħadd 1:** **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**
**Tlieta 3**: San Franġisku Saverju, saċerdot – Tifkira O
**Ġimgħa 6**: *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Fis-6.00pm quddiesa b'suffraġju għal dawk li mietu mill-komunità tagħna f'dawn l-aħħar xahrejn. Il-qraba mistiedna jattendu. Wara l-quddiesa, adorazzjoni komunitarja u barka sagramentali.
**Sibt 7**: San Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħadd 8:** **Solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija – l-Immakulata Kunċizzjoni**.
**Ġimgħa 13:** Santa Luċija, verġni u martri – Tifkira O. *Jum ir-Repubblika* – festa nazzjonali.
**Sibt 14**: San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħadd 15:** **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**
**Tnejn 16**: Tibda n-Novena bi tħejjija għall-festa tal-Milied. Kuljum fis-6.00pm quddiesa bil-kant u ħsieb dwar il-Kelma t'Alla tal-ġurnata.
**Ħadd 22:** **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent.** Fis-6.30pm **Kunċert tal-Milied** fil-Knisja Arċipretali mill-Kor Notre Dame.
**Tlieta 24**: *Lejlet il-Milied*: Filgħodu konfessuri għall-qrar bejn id-9.00am u l-11.00am. Fis-6.00pm quddiesa waħda tal-Vġili tal-Milied li tkun tiswa' għall-preċett tal-għada. Fl-10.30am kant ta' innijiet tal-Milied mill-Kor Notre Dame u l-priedka tat-tifel. Fil-11.00am purċissjoni mal-knisja bil-Bambin, kant tal-Kalenda (Tħabbira tal-Milied) u Konċelebrazzjoni Solenni.
**Erbgħa 25:** **Solennità tat-Twelid tas-Sinjur Tagħna Sidna Ġesù Kristu**. Festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni tal-Milied. F'12.00pm, il-Q.T. il-Papa jwassal il-messaġġ tiegħu għall-Milied u jagħti l-Barka Appostolika *Urbi et Orbi*.
**Ħamis 26**: San Stiefnu, protomartri – Festa. Fis-7.00pm quddiesa għall-immigranti Kattoliċi u attività soċjali għalihom.
**Ġimgħa 27**: San Ġwann, appostlu u evanġelista – festa
**Sibt 28**: Il-Qaddisin Innoċenti – Festa. **Jibdew il-Kwaranturi.** Nesponu 'l Ġesù Ewkaristija wara l-quddiesa tat-8.30am għall-adorazzjoni sa 12.00pm.
**Ħadd 29:** **Festa tal-Famija Mqaddsa**
**Tnejn 30**: Wara l-quddiesa tat-8.30am ikomplu l-Kwaranturi sa 12.00pm. Nerġgħu nesponu fl-4.30pm. Fis-6.00pm quddiesa bil-kant tas-salmi tal-Għasar u l-omelija.
**Tlieta 31**: *L-aħħar jkum tas-sena*. Wara l-quddiesa tat-8.30am nesponu 'l Ġesù Sagramentat għall-adorazzjoni sa 12.00pm. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr, purċissjoni bis-Sagrament mal-knisja bħala għeluq tal-kwaranturi, kant tat-*Te Deum* u barka Sagramentali.

**Jannar 2020**
**Erbgħa 1:** **Solennità ta' Marija Omm Alla** – festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd. Fl-10.15am quddiesa kantata bl-omelija.
**Ħadd 5:** **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**. Jitħabbru **l-festi ewlenin** ta' matul is-sena. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni Solenni tal-Epifanija u qima lix-xbiha ta' Ġesù Bambin.
**Ġimgħa 10:** **Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa fl-10 ta' Jannar 1616**. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr. Mistiedna b'mod speċjali l-lajċi kollha impenjati li jġeddu l-impenn tagħhom fil-komunità. Xieraq li jittellgħu l-bnadar fuq il-bjut.

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Maria Dolores Bonello (81), Mary Bonavia (70), Theresa Ellul (89), Carmela Buhagiar (85), Victor Buttigieg (87), Sylvia Zammit (51), Catherine Camilleri (79), Carmela Fardell (74), Mary Craus (82), Theresa Rodo (82), Mikelangela Fenech (79).